

**Brussell, 7 ta' Novembru 2025  
(OR. en)**

**14931/25**

**JEUN 222  
EDUC 425  
FREMP 308**

**NOTA**

---

|          |                                                                                                          |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                                               |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                            |
| Suġġett: | It-tisħiħ tar-reżiljenza fost iż-żgħażaġħ permezz ta' Erasmus+ 2028-2034<br>- <i>Skambju ta' fehmiet</i> |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) tas-27 ta' Novembru 2025.

**It-tisħiħ tar-reżiljenza fost iż-żgħażaġħ permezz ta' Erasmus+ 2028-2034***Nota ta' gwida mill-Presidenza*

F'perjodu ta' tensjonijiet u inċertezza globali li qed jiżdiedu, il-programm Erasmus+ jipprovdi opportunitajiet għaż-żgħażaġħ Ewropej biex jikkollegaw bejn il-fruntieri u jħossuhom parti mill-Ewropa kollha kemm hi.

Bħala wieħed mill-aktar programmi magħrufa u ta' suċċess tal-UE, Erasmus+ ilu għal ħafna snin biljett għaż-żgħażaġħ biex imorru barra minn pajjiżhom u jesploraw il-ħajja f'pajjiżi oħra. Dan jippermetti skambju fuq livelli differenti – minn perspettivi ġodda dwar il-ħajja ta' kuljum f'pajjiż ieħor għal sens ta' kondiviżjoni ta' għeruw, storja u valuri komuni Ewropej.

Skont stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2024<sup>1</sup>, 36 % taż-żgħażaġħ li hađu sehem f'attivitajiet f'pajjiż ieħor tal-UE wiegħbu li dan għamilhom aktar konxji ta' kulturi u valuri oħra. Bl-istess mod, 35 % tar-rispondenti qablu li l-parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet żiedet il-fiduċja fihom infushom u l-interess tagħhom f'lingwi barranin, filwaqt li 32 % semmew għarfien akbar ta' pajjiżi Ewropej oħra riżultat ta' dan. Filwaqt li dawn in-numri jindikaw li attività Erasmus tista' tkun esperjenza personali speċjali, dan jimplika wkoll il-potenzjal ta' impatt fuq skala Ewropea akbar peress li s'issa 16-il miljun Ewropew hađu sehem fil-programm.

---

<sup>1</sup> Kummissjoni Ewropea: 'Iż-żgħażaġħ u d-demokrazija' – Rapport tal-Ewrobarometru, Mejju 2024 <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3181>

Meta wieħed iħares 'il quddiem lejn il-programm Erasmus+ 2028–2034 li jmiss, mistoqsija ewlenija hija x'impatt għandu jkollu l-programm fuq iż-żgħażaġh u l-ġenerazzjonijiet li jmiss. Filwaqt li l-infiq fuq il-kapaċitajiet tad-difiża u tas-sigurtà fl-Ewropa qed jiżdied, il-programm Erasmus+ jista' jikkontribwixxi għal dimensjoni oħra tad-difiża u l-iżgurar tal-identità u l-valuri Ewropej: il-bini tar-reżiljenza demokratika.

Ir-reżiljenza demokratika tista' titrawwem kemm formalment permezz ta' sistemi edukattivi kif ukoll b'mod informali permezz ta' komunitajiet u proġetti lokali, fost affarijiet oħra. Fil-qalba hemm il-kapaċità li wieħed jipparteċipa b'mod attiv fid-demokrazija u fil-ħajja ċivika, filwaqt li jirrifletti wkoll b'mod kritiku dwar is-soċjetà. Dan huwa partikolarment rilevanti fi żmien fejn l-intelliġenza artifiċjali tista' tintuża biex jiġu ffabbrikati aħbarijiet foloz li jirriżultaw f'miżinformazzjoni u diżinformazzjoni u polarizzazzjoni possibbli tad-dibattitu pubbliku.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-programm Erasmus+ 2028–2034<sup>2</sup>, il-programm għandu l-għan li jħeġġeġ il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika tal-Ewropa, irawwem il-ħiliet meħtieġa għall-involviment ċiviku, iqajjem kuxjenza dwar il-valuri komuni Ewropej, inkluż id-drittijiet fundamentali, filwaqt li joffri wkoll opportunitajiet għaż-żgħażaġh u għall-organizzazzjonijiet biex juru solidarjetà, jappoġġaw il-komunitajiet u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà.

**Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Prezidenza tistieden lill-Ministri jwieġbu għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt għal skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett. Ġentilment nitolbu li l-interventi jkunu limitati għal massimu ta' tliet minuti.**

- Fil-fehma tiegħek, il-programm Erasmus+ 2028–2034 kif jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa?
- Fil-livell tal-UE, liema strumenti u azzjonijiet jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri biex iżidu l-involviment ċiviku u demokratiku taż-żgħażaġh?

---

<sup>2</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Erasmus+ għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/817 u (UE) 2021/888